# Il-Knisja Ddedikata lil San Bartilmew f'Ħal Tarxien

F'wieħed mill-aktar irħula qodma ta' Malta, f'Ħal Tarxien, tinsab knisja żgħira ddedikata lill-Appostlu San Bartilmew; li tiegħu l-Knisja tiċċelebra l-festa liturġika kull sena, nhar l-24 t'Awwissu.



*L-Artal tal-Knisja bit-Titular ta' San Bert*

Jixraq li f'din l-okkażjoni tal-festa tiegħu, nagħtu ħarsa lejn din il-knisja filjali ddedikata lilu f'dan ir-raħal. Knisja, li għalkemm żgħira hija waħda mill-isbaħ knejjes żgħar li nsibu mxerrda f'diversi nħawi tal-gżejjer tagħna għax-xogħol artistiku w arkitettoniku li fiha. Kull min iħobb u għandu għal qalbu l-wirt artistiku u reliġjuż ta' pajjiżna, m'għandux jonqos milli jżur din il-knisja u żgur li jibqa' mpressjonat bis-sbuħija li għandha.

Kif u meta nbniet din il-knisja? Fl-atti tan-Nutar Pietro Antonio Madiona, insibu li Dun Bert Mangion għamel testment fid-29 ta' Lulju, 1759, fejn fih ħalla miktub biex tinbena knisja f'Ħal Tarxien *ad unur* San Bartilmew, il-qaddis li tiegħu Dun Bert kien iġib ismu u lill-Madonna taħt it-titlu "tal-Parir it-Tajjeb", li hu kien tant devot tagħha. Dun Bert miet tlett ijiem wara li għamel dan it-testment, jiġifieri fit-2 t'Awwissu, 1759, fl-eta' ta' 54 sena.

Il-Gran Prijur tal-knisja konventwali tal-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann, l-Isqof Fra Bartolomeo Rull (1757-1770), li kien ukoll iġib l-isem tal-istess qaddis li tiegħu riedet tiġi ddedikata l-knisja; fit-28 t'April, 1762, ta l-permess għall-bini ta' din il-knisja. L-ewwel ġebla tpoġġiet fit-30 t'April, 1764.

Il-knisja nbniet fuq id-disinn tal-Arkitett Giuseppe Bonnici (1707-1779), l-aħjar perit ta' dak iż-żmien, li kif jidher mix-xogħol artistiku tiegħu mexa ħafna fuq l-istil Barokk ta' Romeo Carapecchia (1668-1738). Tant hu hekk li fid-disinn tiegħu huwa imita ħafna l-Monasteru ta' Santa Katerina li jinsab fit-Triq ir-Repubblika, ġewwa l-Belt Valletta, li huwa meqjus mill-kritiċi tal-arti bħala wieħed mill-ifjen xogħol arkitettoniku ta' Carapecchia.

Din il-knisja damet tinbena tnax-il sena u fl-10 ta' Marzu, 1776, din ġiet imbierka mill-Kappillan Dun Ġwann Psaila - delegat tal-Lokutenent Mons. Grech, u qaddes l-ewwel

quddiesa fiha. Fl-14 tal-istess xagħar, ittieħed fiha l-ġisem tal-fundatur tal-istess knisja, Dun Bert Mangion, u difnuh f'nofs il-knisja, kif hu stess kien ħalla fit-testment tiegħu. Din il-knisja ġiet ikkonsagrata mill-Isqof Fra Vincenzo Labini (1780-1807) fit-30 t'April, 1797.

L-amministrazzjoni tal-knisja ġiet fdata f'idejn il-Kappillan *"pro tempore"* tar-raħal ta' Ħal Tarxien mill-fundatur, li ritratt tiegħu jidher f'wieħed mill-kwadri tal-ġnub tal-kor. Ma' din il-knisja żgħira nsibu li hemm dar parrokkjali, imwaqqfa mill-istess fundatur tal-imsemmija knisja, biex joqgħod fiha l-Kappillan tar-raħal.

Din il-knisja għandha tlett artali, wieħed fin-nofs (il-maġġur) iddedikat lil San Bartilmew, u wieħed f'kull ġenb, wieħed iddedikat lid-Duluri u l-ieħor lil San Andrea Avellino. Fost ix-xogħlijiet artistiċi li nsibu f'din il-knisja, barra l-ġawhra ta' arkitettura li għandha, insibu l-kwadru tal-Madonna tal-Parir it-Tajjeb, attribwit lill-Pittur Rocco Buhagiar (c. 1725-1805) li dan ġie maħdum madwar l-1775.

Attwalment din il-knisja tinsab miżmuma fi stat tajjeb ħafna u dan grazzi lill-grupp ta' voluntiera, li matul is-sena jieħdu ħsieb din il-knisja.

Ta' kull sena l-festa titulari ta' din il-knisja, jiġifieri dik ta' San Bert, tiġi ċċelebrata bl-aktar mod solenni.

*Dan l-artiklu kien inkiteb mis-Sur Anthony Cachia fl-1987.*



*Il-Knisja minn barra*